# Dun Ġwann Abela (1926–2009)

Tagħrif miġbur minn Antoine Azzopardi – *Seminarista*

Li jiena nikteb artiklu dwar Dun Ġwann ma kinitx l-eħfef ħaġa li mmaġinajt, mhux għax diffiċli tikteb dwar persunaġġ bħal dan iżda għax jiena niftakar biss l-aħħar għoxrin sena ta' ħajtu, snin li fihom Dun Ġwann sar dak il-qassis xwejjaħ li niftakru lkoll, sakemm nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru 2009 mar fi ħdan il-Missier li tant ħabb u ħadem għalih tul ħajtu kollha.

Bil-għajnuna tas-Sinjura Marija Gambin, stajt insir naf dwar Dun Ġwann Battista Abela, dak li forsi ftit kienu jafu. Hekk kif bdejt nitkellem ma' oħt Dun Ġwann stajt inħoss xi ħaġa li għadha ħajja f'qalbha, il-memorja ta' ħuha saċerdot li ddedika ħajtu għall-parroċċa ta' Ħad-Dingli u għat-tagħlim fl-iskejjel statali, liema memorja issa nixtieq naqsam magħkom fi ftit kliem.



*Ġwanni Battista Abela Seminarista*

Imwieled fl-24 ta' April 1926, Dun Ġwann kien ir-raba' wild ta' Antonio u Grazzja nee Ebejer. Minkejja li għex tfulija normali bħal tfal oħra, Ġwann Battista Abela ħass minn kmieni s-sejħa tiegħu għas-saċerdozju, sejħa li żamm sod bil-għajnuna ta' diversi persuni b'mod partikolari tal-aħwa Huntingford li t-tnejn saru saċerdoti iżda li fi żmien it-tieni gwerra kienu refuġjati f'Ħad-Dingli. Matul iż-żgħożija qabel daħal is-seminarju maġġuri, Dun Ġwann kien iħobb jattendi għal xi rtir il-Fawwara jew il-Lunzjata fost l-oħrajn, biex fil-qrib ma' Alla, jisma' leħnU jgħidlu xi jrid minnu. Dak il-leħen semgħu u tassew li bil-ħeffa mar jaqdi l-Missier biex wara snin ta' studju, nhar it-3 ta' Awwissu 1952, iż-żagħżugħ Dingli sar l-ewwel saċerdot mir-raħal wara nuqqas ta' 47 sena. Nhar l-10 ta' Awwissu 1952, il-poplu ta' Ħad-Dingli feraħ mas-saċerdot novell hekk kif iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-knisja Parrokkjali tar-raħal tant għażiż u li fih kellu jaħdem tul il-kumplament ta' ħajtu.



*Dun Ġwann saċerdot żagħżugħ*

Tul ħajtu, Dun Ġwann kellu devozzjoni partikolari ħafna lejn il-qaddis li jġib ismu, San Ġwann il-Battista, iżda wkoll għal Santa Marija Madalena li fl-aħħar snin ta' ħajtu ħa ħsieb li fil-kappella ddedikata lilha fuq l-irdum ikun hemm mill-ġdid kwadru titulari. Iżda dan ma kienx l-uniku proġett li Dun Ġwann kien involut fih tul il-ħajja saċerdotali tiegħu. Fl-ewwel snin tas-saċerdozju, Dun Ġwann kien involut fil-Kummissjoni li ħadet ħsieb il-bini tan-navi tal-knisja parrokkjali segwita mill-bini mill-ġdid tal-faċċata u l-kampnari kif ukoll il-bini tal-koppla. Minkejja li ma kienx ħadem waħdu, Dun Ġwann kien irsista ħafna biex dan il-proġett ikun ta' suċċess minn kull lat. Aktar tard, eqreb lejn żmienna, Dun Ġwann ħadem mhux ftit biex jinbena Ċentru Parrokkjali u l-estensjoni taċ-ċimiterju komplut b'sala biswitu.

Kważi taqta' nifsek tisma' b'tant proġetti kbar, iżda għal Dun Ġwann, bħal donnu dan ma kienx biżżejjed. Forsi mhux ta' b'xejn li nhar it-28 ta' Ottubru 1998, il-Kunsill Lokali onorah b'Ġieħ Ħad-Dingli bħala apprezzament tas-sehem tiegħu fir-raħal tagħna.





*Dun Ġwann u Dun Richard Borg flimkien mal-Amministrazzjoni tal-Każin tal-Banda fl-10 ta' Awwissu 1986*



*L-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona jżur lil Dun Ġwann fit-3 ta' Awwissu 2007*

Kien ta' għors għalih li jieħu ħsieb l-abbatini tal-parroċċa tagħna. Fl-imgħoddi meta Dun Ġwann kien għadu saċerdot żagħżugħ, diversi huma dawk li jiftakruh jilgħab il-*football* bis-suttana, u mid-dehra xi darba żarrat is-suttana waqt il-logħob u baxx baxx kien ħietha hu biex ma jinkwetax lil tad-dar. Tassew, għal Dun Ġwann il-familja tiegħu kienet għażiża ħafna. Partikolarment fl-aħħar snin ta' ħajtu, l-imħabba kbira li kellu hu lejn ħutu tpattiet bil-kbir hekk kif dejjem kien ikun imdawwar minnhom. Niftakar ċar fil-ftit drabi li żortu d-dar meta kien marid, qatt ma kien ikun waħdu iżda dejjem imdawwar b'tant għożża.

Ftit huma dawk li jsemmu fil-pubbliku, però bosta huma dawk li Dun Ġwann kien għen tul ħajtu. Biżżejjed insemmu s-sigħat twal ta' qrar li kien jagħmel fl-iskejjel tar-Rabat u Ħad-Dingli; fil-knisja tagħna u



*Dun Ġwann mal-kleru u l-poplu f'għeluq l-40 sena saċerdozju fl-2002*

fis-Seminarju ta' l-Arċisqof. Iżda fuq kollox, l-iljieli sħaħ li kien iqatta' barra mid-dar f'dawk l-iljieli kesħin li spiss ikollna f'Ħad-Dingli, jassisti lil xi moribond fl-aħħar sigħat tal-ħajja fuq din l-art.

Dan l-istess spirtu ta' saċerdot Dun Ġwann żammu ħaj anke meta kien marid u miġbur f'daru hekk kif kien jistenna l-Ewkaristija ta' kull jum. Huwa kien imdawwar bl-imħabba mill-familjari iżda fl-istess waqt jiena persważ li sar ħafna talb għalih minn tant nies li Dun Ġwann mess magħhom matul ħajtu.

Dan is-saċerdot li jiena kont maġenbu tard fil-lejl ta' qabel miet, ftit sigħat 'il bogħod mit-tmiem tal-vjaġġ tiegħu fuq l-art, stajt nara fih qassis li minkejja kollox, dak li għamel f'ħajtu, għamlu b'konvinzjoni u b'imħabba. Ma ninsa qatt dik il-ġurnata li quddiemi, mingħajr mistħija ta' xejn, Dun Ġwann talab maħfra lil persuna li kellu argument magħha xi żmien qabel. Dan ma jurinix bniedem dgħajjef, iżda bniedem li tassew libes lil Kristu u verament għex bħala *alter Christus*, Kristu ieħor, li kull saċerdot huwa mistenni jgħix tul ħajtu.

Biex nagħlaq, nixtieq nagħmel tiegħi l-kliem li l-Kappillan Dun Norman Zammit uża f'artiklu li kiteb fil-fuljett FLIMKIEN hekk kif irrakkonta l-esperjenza tiegħu ma' dan is-saċerdot: "Jekk ngħid li tlifna teżor, nista' ngħid li ksibna wieħed fis-sema għax persważ li ma' Ommna Marija, li kellu mħabba speċjali lejha qed jitlob għal dan ir-raħal tant għażiż."